**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMINJA 22 ta' JANNAR, 2020**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-Kunsillieri, Dr Tiffany Ann Farrugia, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, is-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **8.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 8.1.1 | | Il-Kunsillier s-Sinjura Marisa Dámato infurmat li ma tistax tattendi minħabba li tinsab ma tiflaħx. L-appoloġija ġiet milqugħa. |
| | | |
| **8.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 8.2.1 | | Is-Sindku Rita Grima bdiet is-seduta billi ferħet lill-Prim Ministru l-ġdid Dr Robert Abela, għall-kariga tiegħu u ferħet ukoll lit-tlett membri parlamentari mill-ħames Distrett li qed jokkupaw il-kariga ta' Ministru tal-Edukazzjoni, Ministru tat-Turiżmu u Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej. Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jibgħat email ta' awguri lill-Prim Ministru u lill-membri parlamentari tad-distrett. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li l-Kunsill jifraħ ukoll lill-Ministru il-ġdid tal-Gvern Lokali l-Onor Dr Herrera. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 8.2.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato staqsa x'sar miż-żabra tas-siġar ta' Triq Dun Ġużepp Zammit. Il-Kunsillier inkarigat qal li kemm –il darba informa lill-kuntrattur, imma qal li m'għandux biex jaħdem, għalhekk qed idum biex jgħamel ix-xogħol. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hemm bżonn li waqt iż-żabra jkun preżenti l-contract manager. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 8.2.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq il-materjal li qed jitħalla fi Triq il-Fulija. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-materjal li qed jitħalla, hu materjal li ser jintuża biex isir il-proġett maħsub ta' Wied Fulija. |
| | | |
| 8.2.4 | | Ġew approvati l-minuti tas-sebgħa seduta. |
| | | |
| ***8.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 8.3.1 | | Is-Sindku Rita Grima qal li fi żmien il-Milied l-ex membru tal-Kumitat ta' Bubaqra jgħin fit-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku ssuġġeriet li tintbagħat email ta' ringrazzjament u jinxtara xi ħaġa żgħira bħala rikonoxximent. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 8.3.2 | | Is-Sindku qalet li ssuġġeriet li Festa Nar issir fiż-Żurrieq. Biex isir dan il-Kunsill irid japplika. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li jekk inġibu festa nar fiż-Żurrieq, mhux ser inġibu ġid fil-lokal, minħabba l-effett tas-saħħa fiż-Żurrieq, anke b'effet li jista joħloq fuq l-għelieqi.<br><br>Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika biex Festa nar issir fiż-Żurrieq. |
| | | |
| 8.3.3 | | Is-Sindku qalet li r-Reġjun Nofsinhar lesti li jgħatu elf Euro fuq attivita tal-isports.<br><br>Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li fit-18/19/20 ta' Marzu, ser ikun hawn 30 delegat żgħażagħ mill-Erasmus, fiż-Żurrieq. Għal dan il-proġett il-Kunsill mhu ser iħallas xejn ħlif xi token. Aktar dettalji jingħataw f'seduta oħra. |
| | | |
| 8.3.4 | | Is-Sindku qalet li wara l-inċident li sar il-bieraħ fejn inqalbet karozza qabel taqbad ir-roundabout, intalbu biex isiru barriers fuq is-central strip. Ma kienx hemm qbil fuq barriers. |
| | | |
| ***8.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 8.4.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal<br>• li l-Kunsill applika għal lista ta' korsijiet ta' Life long learning.<br>• Issuġġerixxa li kif toħroġ minn Triq il-Biedja għal Triq il-Belt Valletta issir zebra crossing. Kien hemm qbil li tintalab talba lill-TM.<br>• Ħarġet sejħa għal fondi fuq green infrastructure. Kien hemm qbil li ser jieħu ħsieb l-applikazzjoni l-Kunsill Kaydem Schembri.<br>• Tellem ma' persuna li torganizza maratoni tal-ġiri u jixtieq li issir ġirja fiż-Żurrieq biss. Kien hemm qbil li jiġi infurmat biex jibgħat aktar dettalji |
| | | |
| 8.4.2 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li wara ċ-ċimiterji hemm farm house tkun kollha dwal qawwi u qed ikollu mużika qawwija. Kien hemm qbil li jsir rapport lill-pulizija. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 8.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li ġie avviċinat mill-għaqda Grow 10 trees project li lesti li jgħatu bejn 150 u 200 siġra lill-lokalita. Kien hemm qbil li l-Kunsill jaċċetta. Ġie ssuġġeriet li tiġi mistiedna l-media fid-9 ta' Frar biex jiġdew jitħawlu s-siġar. Kien hemm qbil fuq dan. Din l-għaqda għandha siġra ta' madwar 20 sena li jixtieq li titħawwel fiż-Żurrieq, imma jrid li l-Kunsill jipprovdi t-trasport tagħha. Kien hemm qbil fuq dan.<br>Ser jitħawlu ukoll siġar taħt iċ-ċint tan-nigret.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ġibed l-attenzjoni fuq:<br>• Fil-ġnien tal-ġibjun kien hemm bin li inħaraq – jeħtieġ li ma jsirx ieħor<br>• Il-funtana tinsab imkissra u jeħtieġ<br>• Jeħtieġ li d-dawl fil-ħamrija jitneħħa. Is-Sindku qalet li qed ikollha diskussjonijiet fuq il-proġett.<br>• Fuq wara tal-ġnien tal-Ġibjun hemm simenta kbira moħlija li tista tiġi użata għat-tfal bir-rota u bil-ballun.<br>• X'sar mill-proġett tal-ġnien il-Kunsill tal-Ewropa – Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser terġa tikteb lill-perit. |
| | | |
| 8.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato li jeħtieġ li l-kunsill jerġa jikteb lis-Supretendent għax minn meta kellu laqgħa mal-Kunsill ma ittieħdux passi fuq l-ilmenti li ġew mgħoddija. Kien hemm qbil li terġa tinkiteb email lis-Supretendent fuq dan u jekk naslu fi stat li jerġa ma jittiħdux passi, l-Kunsill jipprova jiġbed l-attenzjoni lill-persuna ulterjuri. |
| | | |
| 8.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato rringrazzja lil kull min ta l-għajnuna tiegħu fil-kunċert li sar fi żmien il-Milied.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni fuq:<br>• Hemm siġra tar-rand għolja fejn il-monument tal-Professur Saydon, jeħtieġ li tinżabar<br>• Hemm irħam nieqes li ġie ordnat imma ma twaħħalx<br>• Il-bankijiet ta' ma ġemb il-Knisja jinżebgħu<br>• Tabella f'Miraħ Mattia Preti tinsab imqaxxra<br>• Isiru tabelli 'no entry' fejn il-venda int hu dieħel minn Triq il-Ħaddiema.<br>• Biex fil-Kunsill News toħroġ applikazzjoni biex min jaf xi sena u jaħdem fiż-Żurrieq jgħati ismu u inġibu lista fil-Kunsill News. |
| | | |
| 8.4.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fi Triq Fra Gan Marie Zammit hemm binja kbira li għadha qed tiġi żviluppata. Dan biex kellu jgħamel din il-binja, ried iħalli parti għall-użu tal-komunita. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex jiġi avviċinat il-kuntrattur jew il-perit tiegħu biex nistaqsu l-art inwistjoni għal liema użu ser tintuża. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Joseph D'Amato jitkellem f'isem il-Kunsill. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 8.4.7 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jsir refurbishment tal-uffiċini tal-Kunsill. Kien hemm qbil li tinġieb stima. |
| | | |
| 8.4.8 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa fuq il-barrier li hemm bżonn li jsir fuq il-ħajt baxx fit-triq tal-Wied. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser titlob l-għajnuna lill-Onorevoli Ministru Julia Farrugia Portelli. |
| | | |
| 8.4.9 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud issuġġerixxa li jsir party tat-tfal tal-karnival u meta l-Kunsill tkellem mal-Kap tal-iskola, l-Kunsill ġie mitlub 150 Euro . Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ser jipprova jġib s-sala bla ħlas. Kien hemm qbil li tali party jsir u t-tfal iħalsu għalih.<br>Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta fit-19:40. |
| | | |
| 8.4.10 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tagħmel pressjoni biex issir iż-zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza.<br><br>Hu semma li l-Kunsill Lokali Birgu għamel basktijiet tad-drapp u qasmuhom bieb bieb, hu ssuġġerixxa biex il-Kunsill taż-Żurrieq jagħmel l-istess. Kien hemm qbil li l-Kunsill iġib aktar informazzjoni. |
| | | |
| 8.4.11 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal<br>• li fejn il-funtana ta' Misraħ Mattia Preti jeħtieġ li jitnaddaf madwarha.<br>• Hemm bżonn li jiġi l-kuntrattur tal-patching għax ilu ma jiġu<br>• Jeħtieġ li jinbidlu t-tabelli tal-ħmieġ tal-klieb li hawn mibruxa<br><br>Kien hemm qbil fuq dan kollu. |
| | | |
| ***8.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| ***8.5a*** | | ***Performance Bonus Appraisals tal-impjegati*** |
| | | |
| 8.5a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapporti tal-performance bonus appraisals tal-impjegati. Dok 1 mehmuż. Kien hemm qbil mar-rapporti u l-impjegati kollha ser jieħdu 6% ta' bonus. |
| | | |
| 8.5a.2 | | Is-Sindku Rita Grima ressqet ir-rapport li ħejjiet fuq is-Segretarju Eżekuttiv u kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-bonus ta' 10%, wara l-approvazzjoni tal-Ministru kkonċernat. |
| | | |
| | | |
| 8.5a.3 | | Tressaq il-quarterly report tal-aħħar kwart tas-sena 2019. Dan ġie approvat. Dok 1 mehmuż. |
| | | |
| 8.5a.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet lista ta' oġġetti li tkissru u li jridu jiġu distrutti. Kien hemm qbil li din il-lista ta' oġġetti jitneħħew mil-bulky refuse. Dok 2 Mehmuż. |

| | | |
|---|---|---|
| ***8.6*** | | ***ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL IEĦOR TAL-KUNSILL LOKALI LI JKUNU MEĦTIEĠA.*** |
| | | |
| 8.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilment/suġġerimenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill:<br><br>***a)*** Fl-aħħar seduta qam il-punt li Triq Vince Dimech, Triq Dun Gwann Camilleri u l-akwati hemm bżonn li jinbidel id-direzzjoni tat-traffiku għax it-toroq kollha jgħatu biex joħorġu lejn il-mitħna u m'hemmx triq li mill-Mitħna tidħol lejn iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li parti minn Triq Vince Dimech tinbidel id-direzzjoni tagħha. Kien hemm qbil li jiġu kkonsultati r-residenti tal-akwata. Minn Triq Salvu Psaila għal Vjal l-Indipendenza. Il-Kunsill bagħat ittra bieb bieb u r-residenti wieġbu b'dan il-mogħod – Favur 4; Kontra 7. Fost dawk li ma jaqblux li tinbidel id-direzzjoni tat-traffiku tat-triq, talbu biex titwaħħal tabella 'no entery for heavy vehicles', għalix ħafna mit-trakkijiet li jgħaddu qed jagħmlu ħsarat lill-bankina meta jiġu fil-liwja. Kien hemm qbil li s-sistema tat-traffiku tibqa dik li hi u ma kienx hemm qbil li issir tabella 'no entry for heavy vehicles'.<br>b) Persuna qed titlob li ssir sleeping policeman tat-tarmak fi Triq is-Sindku k/m Triq Filippu Farrugia, biex iżżomm l-ilma li jinżel għal Triq is-Sindku. Kien hemm qbil li issir waħda fi Triq Filippu Farrugia u oħra fi Triq Borgo Maggiore li għandhom l-istess problema, wara li jintalab permess minn TM.<br>c) L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali qed tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jingħaqdu flimkien u fit-28 ta' Marzu bħala ġest simboliku biex id-dinja tieħu azzjoni għall-problemi amjentali, titfi id-dawl bejn it-20.30 u 21.30 ta' bini amministrattiv u żoni pubbliċi. Kien hemm qbil fuq dan u tintefa l-Mitħna tax-Xarolla u nagħmlu ftit xemgħat madwarha.<br>d) Il-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa waslet biex tiġġedded. Kien hemm qbil fuq it-tiġdid tagħha.<br>e) Bejjiegħ tat-take away jixtieq jipparkja l-vettura tiegħu f'Ħal Far viċin l-open center. Għandu bżonn il-prmess tal-Kunsill Lokali.<br>f) Il-Kunsill irċieva tweġiba mingħand is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina fir-rigward tal-bandisti fl-orkestra tal-Kunsill. Huma infurmaw li ser iżommu mal-pożizzjoni tagħhom li skont ir-regolamenti ta-istatut bandist ma jistax idoqq ma banda oħra fl-istess lokali.<br>g) Il-Kunsill irċieva suġġeriment mingħand l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria biex il-Kunsil jagħti l-premju ' Ċittadin Ewlieni taż-Żurrieq' lill-President Onorarju tas-Soċjeta – il-Perit Karmenu Vella. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fl-istatut taċ-Ċittadin Ewlieni kien hemm klawżola li Politiċi ma jiħdux dan il-premju. Issuġġerixxa li jingħatha premju ieħor.<br>h) Inġabret stima fuq installazzjoni ta' sistema ta' cctv li tintuża minn TM, f'tal-ispeed cameras. L-istima ġiet 3,022Euro li tinvolvi 8 cameras madwar il-ġnien, li ser jisorvelja l-aktar il-parti ta' quddiem u fejn hemm il-playing area. Issir l-ordni tax-xogħol.<br>i) Waħda mill-impjegati waslet biex titla notch fl-iskala li tinsab. Din l-istess skrivana kienet ħarġet kważi sena sħieħa bil-leave tal-maternita u unpaid leave, għalhekk il-Kunsill iddeċieda li minħabba li s-sena l-oħra ma tax dan |

| | | |
|---|---|---|
| | | it-tlugħ ta' notch minħabba l-fatt li f'sena ma tatx is-servizz tagħha, għal din is-sena japprova li jtella notch lil din l-iskrivana.<br>j) L-impjegati tal-kunsill waslu biex jibdlu l-uniformi tagħhom, peress li għalqu 3 snin biha. Kien hemm qbil fuq dan.<br>k) Ġie ssuġġeriet li l-Kunsill jagħmel bħal Kunsill Lokali Mosta u jibda jiġbor ikel għal klieb li jinsabu fis-santwarji. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li indagat mal-Kunsill tal-Mosta u dawn ma tawx informazzjoni lil liema santwarju qed jaghtu l-ikel li jirċievu. Ma kienx hemm qbil għal fatt li ma l-kunsill diġa qed jgħati l-għajnuna għal qtates. |
| | | |
| 8.6.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fis-seduta preċedenti kienu tqajmu dawn it-talbiet, u kien hemm qbil li jerġgħu jitressq fis-seduta tal-lum:<br><br>*a)* Qed jintalbu flexible bollards fi Vjal il-Blue Grotto fejn hemm il-ħwienet tal-pastizzi u detergents. Kien hemm qbil li titressaq f'seduta oħra. Għall-post ta' man-naħa tal-convenience, ser issir laqgħa mal-Perit biex nieħdu parir ta' x'jista jsir. Kien hemm qbil li jsiru flexible bollards fi Vjal il-Blue Grotto kull fejn hemm il-ħwienet.<br>*b)* Residenti qed jitolbu li l-óne way ta' Triq l-Imqabba tibda minn Triq Napuljun għax qed ikun hemm inċidenti fl-akwati ta' bejn Triq l-Imqabba u Triq Napuljun. Kien hemm qbil li tissemma f'seduta oħra, wara li s-Sindku u kunsilliera jmorru fuq il-post.<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia ħarġet mis-seduta fit-20:30 |
| | | |
| | | |
| ***8.6a.*** | | ***APPROVAZZJONI:XOGĦLIJIET U SERVIZZI*** |
| | | |
| | | |
| 8.6.1 | | Dan il-punt issemma f'punt ieħor aktar ' l quddiem. |
| | | |
| ***8.6b*** | | ***Kuntratt tal-ġbir ta' skart riċiklabbli*** |
| | | |
| 8.6b.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-aħħar seduta ressqet draft ta' dak propost li ser jingħata mill-Kumpanija Green Pak li ġie riċevut sad-data tal-għeluq, għas-sentejn li ġejjin fejn jidħol kuntratt ta' skart riċiklabbli. Hi qalet li dak inhar tal-laqgħa kienet daħlet draft oħra ta' kuntratt mill-Kumpanija Green MT li ma tressqitx fis-seduta għax kienet għadha fil-kaxxa tal-ittri ta' ġol-uffiċċju u ma kienetx ġiet infurmata biha mill-imġjegati tal-Kunsill. Għalhekk il-Kumpanija Green Pak ġie estiż il-kuntratt li għandha mal-Kunsill għal xaharejn, biex illum terġa tiġi diskussa l-materja.<br><br>F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv ressqet iż-żewġ proposti li daħlu dik ta' Green Pak u dik ta' Green MT. Prattikament iż-żewġ kumpaniji qed joffru l-istess offerti.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill jibqa bis-servizz tal-kuntrattur Green Pak. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| ***8.6d*** | | ***Ħruġ ta' sejħa għall-offerti – Contract Management*** |
| | | |
| 8.6d.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet draft tal-kuntratt ta' contract manager. Il-punti prinċipali huma dawn:<br>• 10 –il siegħa xogħol fil-ġimgħa<br>• Jiffirma fl-uffiċċju l-bidu u t-tmiem tal-attendenza tiegħu<br>• Jieħu ħsieb il-kuntratti ta' knies, tindif u manutenzjoni ta' ġonna u soft areas, sinjali u marki tat-toroq, tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi u ġbir ta' skart bieb bieb.<br>• Irid ikun fuq il-post tal-ilment sa siegħa wara li jkun ġie kkuntatjat mill-Kunsill biex jagħmel dan.<br><br>Kien hemm qbil li l-aġġudikaturi jkunu l-Kunsilliera Tiffany Ann Farrugia, Kaydem Schembri u Kyle Mifsud.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv titlob direttiva mingħand id-Direttur fuq call for application minflok toħroġ tender u kif il-Kunsill ikollu risposta, dan il-punt jerġa jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta fid-21:00. |
| | | |
| ***8.7*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI*** |
| | | |
| 8.7.1 | | Ġew approvati l-minuti numru 28 tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali. |
| | | |
| | | |
| ***8.8*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 8.8.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 4** għall-ammont totali ta'€65,076.74<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-kunsilliera Kaydem Schembri u Joseph DÁmato |
| | | |
| ***8.9*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 8.9.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-21:05. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 12 ta' Frar, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _12___ ta' Frar, 2020.

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**